MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 72/2003

**Borg Transportation Limited**

**vs**

**(1) Mixer Limited (C 9942)**
**(2) Mixer Concrete Works Limited (C 17858)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Peress illi b'kuntratt pubbliku ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Antoine Agius datat disgha (9) ta' Settembru elf disa' mija

u tmienja u disghin (1998), is-socjeta’ konvenuta Mixer Limited ittrasferiet il-propjeta’ taghha ossia art maghrufa bhala ta’ San Martin fil-limiti ta’ Zebbug, Malta, tal-kejl superficjali ta’ cirka 1709.99 metri kwadri lis-socjeta’ kummercjali wkoll konvenuta Mixer Concrete Works Limited, bil-pattijiet u kundizzjonijiet kollha hemmhekk stipulati;

U peress illi dan sar meta kien hemm pendenti proceduri ta’ subbasta numru 73/98 fuq l-istess art, fl-istess zmien meta l-Perit Joseph Ellul Vincenti kien qed jidderiegi r-rapport peritali ghall-finijiet tas-subbasta, liema subbasta giet sussegwentement iffissata ghas-17 ta’ Gunju 1999, liema seduta ma nzammitx u allura s-socjeta’ attrici ma setghetx taghmel l-offerta’ taghha *animo compensandi* kif kien mitlub u accettat;

U peress illi dan il-bejgh hawn fuq imsemmi sar b’qerq li wassal sabiex is-socjetajiet konvenuti jevadu d-drittijiet tas-socjeta’ attrici, tant illi meta l-istess subbasta regghet giet appuntata fuq talba tas-socjeta’ attrici ghad-9 ta’ Dicembru 2001, is-socjeta’ konvenuta Mixer Concrete Works Limited intavolat proceduri permezz ta’ rikors fl-atti tas-subbasta u citazzjoni numru 1806/01TM sabiex l-istess subbasta tkun sospiza u konsegwentament tigi dikjarata nulla u bla effett ghar-raguni illi l-art mertu tas-subbasta kienet giet ittrasferita minghand is-socjeta’ konvenuta Mixer Limited lis-socjeta’ konvenuta l-ohra Mixer Concrete Works Limited;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-bejgh li sar bil-kuntratt tad-disgha ta’ Settembru elf disa’ mija u tmienja u disghin (9/09/1998) li sar quddiem in-Nutar Antoine Agius bejn il-konvenuti sar b’qerq, sabiex is-socjeta’ konvenuta Mixer Limited bil-kulluzzjoni u l-komplicita’ tas-socjeta’ konvenuta l-ohra Mixer Concrete Works Limited, jevadu l-obbligazzjonijiet taghhom lejn is-socjeta’ attrici.

2. Konsegwentament tordna r-rexxissjoni ta' l-istess kuntratt tad-disgha ta' Settembru elf disa' mija u tmienja u disghin (9/09/1998) li sar quddiem in-Nutar Antoine Agius.

3. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jircievi u jippubblika l-kuntratt ta' rexxissjoni u kuraturi sabiex jidhru f'isem il-konvenuti li jonqsu li jidhru ghal dak l-att.

4. Tiffissa l-jum, hin u lok ghall-bejgh bis-subbasta ta' l-ghalqa msemmija maghrufa bhala ta' San Martin sabiex jigi sodisfatt il-kreditu tas-socjeta' attrici, skond l-istima peritali u l-atti l-ohra kollha fl-atti tas-subbasta numru 73/98.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjetajiet konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta et** a fol. 27 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'huwiex minnu li l-kuntratt impunjat sar b'qerq tad-drittijiet tas-socjeta' attrici, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

2. Illi preliminarjament, is-socjetajiet eccipjenti m'humiex edotti mill-proceduri tas-subbasta li saret referenza ghalihom fit-talbiet attrici, imma jekk hu minnu kwantu ddikjarat allura ghandu jirrizulta li s-socjeta' attrici kellha rimedji specifici fil-ligi rizultanti mid-digriet ghall-bejgh in subbasta ta' l-art *de quo;*

3. Illi fil-mertu, s-socjeta' attrici trid l-ewwelnett tipprova li s-socjeta' konvenuta Mixer Limited m'ghandiex assi ohra biex thallas kwalsiasi debiti li jista' jkollha;

4. Illi fit-tieni lok, it-trasferiment ta' l-art *de quo* sar propju sabiex jithallsu l-kredituri tas-socjeta' Mixer Limited skond ir-*ranking* taghhom, bi qbil mad-debitur privileggjat

principali, l-Bank of Valletta p.l.c. versu prezz gust u reali, li jirrifletti l-valur ta' l-art *de quo* meta sar it-trasferiment;

5. Illi fit-tielet lok, il-valur ta' l-art jinsab iggarantit a favur il-kredituri tas-socjeta' Mixer Limited mis-socjeta' akkwirenti Mixer Concrete Works Limited, b'mod illi l-ebda kreditur ma sofra pregudizzju bhala konsegwenza tal-bejgh *de quo;*

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Peress illi fil-kors tal-kawza il-kuntratt inkwistjoni gie dikjarat bhala li sar b'qerq u konsegwentement thassar (ara fol. 264 et seq);

Tiddikjara l-ewwel zewg talbiet bhala ezawriti;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' talba.

Spejjez ghal konvenuti solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------